MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2004

Numru 651/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**SANDRA XUEREB**

**Illum 25 ta' Ottubru, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Sandra Xuereb ta' 31 sena bint Anthony w Carmen nee Despot imwielda Pieta fil-15 ta Jannar 1973 w residenti Blokk C 3 Flat 16 Triq ic-Cesalpina B'Kara w bin-numru tal-identita 50073 (M) giet akkuzata:

Talli fit-13 ta' April 2004 f'dawn il-gzejjer minn gol fond Flat 16 Blokk C3 sitwat fi Triq ic-Cesalpina l/o B'Kara ikkommettiet serq ta' somma ta flus kontanti fl-ammont ta' Lm 2410 ghad-dannu ta Kevin Xuereb ID: 334880 (M) liema serq huwa aggravat bil-valur w bil-persuna, ai termini tal-artikoli 267 w 268 (b) rispettivament tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputata ammettiet l-akkuza migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u tatha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Dennis Theuma iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li l-imputata ikkoperat mal-Pulizija u li r-refurtiva giet irritornata.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(c) u (d), 267, 268(b), 279(b) u 280(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Sandra Xuereb, fuq ammissjoni, hatja ta’ l-akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Dennis Theuma ddikjara li l-imputata ikkoperat mal-Pulizija u li r-refurtiva giet irritornata, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputata Sandra Xuereb ghall-piena ta’ sentejn prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputata Sandra Xuereb tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti qed taghti lill-imputata Sandra Xuereb l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti, ai termini ta’ l-artikolu 401(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li kopja ta’ din is-Sentenza flimkien ma’ l-atti kollha tal-kawza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------